## Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja

Nhar it-Tnejn 12 ta' Mejju ser niltaqgħu flimkien għal konċelebrazzjoni solenni fis-6.00pm (minflok tal-5.00pm u tas-7.00pm) għax il-komunità tagħna se tiċċelebra l-anniversarju tad-dedikazzjoni tal-knisja li fiha ninġabru kuljum għat-talb. Dakinhar (158 sena ilu) fl-1867 kien ġie l-Amministratur Apostoliku t'Għawdex l-Isqof Paolo Micallef u quddiem il-komunità kollha, magħquda mal-kappillan Dun Giovanni Battista Grech, dilek l-artal



u l-kolonni tal-knisja biż-żejt imqaddes tal-griżma, inċensa l-maqdes kollu bil-fwieħa, u sebbħu bid-dwal tax-xemgħa.

Bil-konsagrazzjoni, din il-binja b'mod permanenti ġiet iddestinata sabiex isservi għall-qima ta' Alla, u hekk saret il-post, fejn Alla u l-bniedem jistgħu jiltaqgħu; dar li tlaqqagħna bejnietna, fejn ninġibdu lejn Alla, u aktar ma noqogħdu miegħu, aktar ningħaqdu ma' xulxin. Nistednukom u nħeġġukom tkunu magħna sabiex inroddu ħajr lil Alla ta' dan id-don hekk kbir li tana.

### Opportunità ta' laqgħat ta' formazzjoni għal kull età:

Grupp Anzjanità Attiva: **"Aħna, uliedna u wlied uliedna"**; nhar il-Ħadd 18 ta' Mejju fil-5.00pm, fl-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof. Imexxi l-laqgħa l-Isqof Anton Teuma.

Grupp Empty Nesters: **"Uliedna jmorru jgħixu Malta. X'jinbidel?"**, nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju fis-7.30pm; fl-iskola Sir M.A. Refalo. Imexxi l-laqgħa Mr Michael Galea.

Grupp Terza Età: **"Kif nagħmlu testment"**; nhar l-Erbgħa 28 ta' Mejju fl-10.00am; f'Villa Fiorita. Imexxu l-laqgħa Dun Brendan Gatt u Dr Maria Vella Magro.

## AVVIŻI:

**Prova u tħejjija għat-Tfal tal-Ewwel Tqarbina**

L-ewwel prova taċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina ser issir nhar **it-Tlieta 13 ta' Mejju fil-5.30pm** fil-knisja. Importanti li t-tfal jattendu sabiex ikunu jafu x'ser isir f'dik il-ġurnata tant għażiża għalihom.

Qrara għall-bniet u s-subien u l-ġenituri tagħhom **nhar is-Sibt 17 ta' Mejju fis-5.45pm** fil-knisja.

**Rużarju fil-beraħ**

Nhar **il-Ġimgħa 16 ta' Mejju fis-6.00pm** se jingħad ir-Rużarju fi Triq il-Qortin, f'San Blas. Kulħadd għandu bżonn it-talb għalhekk l-istedina miftuħa għal kull min jixtieq.

**Grazzi kbira lil kull min għen bl-oġġetti li nġabru għall-karità** matul il-ġranet tar-Randan; għaliex stajna ngħinu ftit lis-Sorijiet tal-parroċċa tagħna, l-anzjani fid-Dar ta' Pompej, u l-iktar lil dawk li jibbenfikaw minn Dar Arka u s-Seminarju tagħna. Ingħatat ukoll għajnuna lil xi persuni jew familji fil-bżonn. Grazzi ħafna f'isem dawn kollha.

**Klabb tas-sajf fl-Oratorju Don Bosco**

Għat-22 sena konsekuttiva, se jerġa' jiġi organizzat il-klabb tas-sajf għat-tfal u l-istudenti bejn 4 snin u 13-il sena, b'diversi attivitajiet kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa bejn id-9.00am u nofsinhar, matul Lulju u Awwissu. L-attivitajiet, taħt superviżjoni ta' għalliema u leaders oħra, jinkludu Quddiesa kuljum, arti u krafts, mużika, żfin, drama, sports u wkoll ħarġiet ta' kultura u divertiment. L-applikazzjonijiet jinġabru mill-Oratorju stess jew online fuq donboscogozo.org. Jibqgħu jintlaqgħu sal-aħħar ta' Mejju. Din is-sena se jerġa' jsir ukoll programm speċjali għal dawk li qegħdin fil-Year 8/Form 2.

### Il-Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am